MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 942/2001/1

**George u Mary konjugi Canilleri**

**vs**

**Middle Sea Insurance plc**

## Il-Qorti

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundanata li thallas ossija tirrifondi lill-atturi s-somma ta' Lm 1633.20 (elf, sitt mija, tlieta u tletin Lira Maltin u ghoxrin centezmu), rapprezentanti spejjez inkorsi minnhom inkonessjoni ma' intervent kirurgiku li ghalih giet sottoposta l-attrici Mary Doris Camilleri fl-20 ta' Settembru 2000, liema spejjez huma rizarcibbli mis-socjeta' konvenuta bhala socjeta' assiguratrici lill-atturi ai termini ta' polza ta' assigurazzjoni bin-numru ta' referenza HVC/00293/2000/09, previa okkorendo dikjarazzjoni li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas l-imsemmi ammont ta' Lm 1633.20 (elf, sitt mija,

tlieta u tletin Lira Maltin u ghoxrin centezmu) ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni HVC/00293/2000/09.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-11 ta' Lulju 2001, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta, rapprezentanti ta' liema huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepit reverentament:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi, billi l-istess atturi ma humiex intitolati ghar-risarciment minnhom pretiz billi l-kondizzjoni medika meritu tal-pretenzjoni taghhom kienet tezisti fid-data tal-hrug tal-poloz u l-ezistenza ta' tali kondizzjoni kienet maghrufa lill-atturi jew minn minnhom, b'mod allura illi ai termini tal-istess polza l-ebda risarciment huwa pagabbli .

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-atturi pproducew dak li ser jinghad bhala prova in sostenn tat-talba in esami:-

a. <u>l-attur</u> (fol 12 et seq ibid) spjega li matul Awwissu tas-sena 2000, martu, l-attrici, marret taghmel 'check up' mediku bhal ma kienet taghmel b'mod regolari u kollox kien fin-negattiv (ara dok GC1 a fol 17 ibid datat is-16 t'Awwissu 2000). Madwar xahar wara, kien gie ghandu "insurance broker" bl-isem ta' James Mizzi u dan gibidlu l-attenzjoni li ma kellux "health plan" u ghalhekk l-attur ghamel polza cjoe dik indikata fl-avviz (ara l-anness dok GC2 a fol 18 sa fol 27) liema polza kienet <u>effettiva mill-20 ta' Settembru 2000</u> (ara fol 27 ibid) u kienet tkopri wkoll lill-martu. Madwar xahar wara, martu zvillupat sintomu

cjoe demm u ghalhekk gie ffissat appuntament mal-ginekologu Dottor Yves Muscat Baron u dan fl-ahhar t'Ottubru jew il-bidu ta' Novembru tal-istess sena liema appuntament inghata ghad-29 ta' Jannar 2001. Wara li saru l-ezamijiet medici u ttiehdu kampjuni fis-6 ta' Frar 2001, l-istess specjalista nforma lilu u lill-martu trattasi ta' kancer. Ghalhekk ittiehdet id-decizjoni li martu tigi operata privatament u ssir isterektomja, wara li l-"broker" informah li l-kaz kien kopert bl-assikurazzjoni wara li martu giet operata fl-17 ta' Frar 2001. Kienet saret il-"claim" izda l-assikurazzjoni nfurmatu li "… suppost konna nafu bil-kundizzjoni tal-mara meta giet iffirmata l-"policy". Hawnhekk l-attur ghamel referenza ghaz-zewg ittri annessi mal-atti a fol 29 u fol 30 mibghuta mill-ginekologista lis-socjeta' assikurattrici. Fl-ewwel ittra datata il-15 ta' Frar 2001, l-istess specjalista indika li l-attrici wriet sintomi ta' 'vaginal bleeding' ghal matul l-ahhar sitt xhur izda fit-tieni ittra hu kkorega dan billi kiteb illi dan il-perijodu kien ta' tlett xhur. Fil-fatt l-assikurazzjoni rrifjutat li thallas risarciment inkonnessjoni mal-operazzjoni "… ghaliex, fi kliemhom stess diga' konna nafu" ossija "… the conditions … pre-existed the inception of this policy" (ara fol 31 u fol 32 ibid).

b. L-imsemmi ginekologu Dottor Yves Muscat Baron (fol 43 et seq ibid) spjega li l-attrici giet ghandu fid-29 ta' Jannar 2001 u spjegatlu li kellha "… problema ginekologika li nbdiet fl-ahhar ta' Ottubru 2001 konsistenti f'"post menopausal bleeding". Mill-ezamijiet li ghamel skopra li kien hemm "polyp". Ittiehdu ghalhekk kampjuni u fis-6 ta' Frar 2001 spjega lill-attrici li kien hemm kancer involut. Ghalhekk ittiehdet id-decizjoni li ssir l-operazzjoni fi sptar privat ghar-raguni spjegata a fol 44 ibid. Inoltre l-attur ivverifika li tali intervent kien kopert b'assikurazzjoni. L-operazzjoni saret fl-17 ta' Frar 2001. L-istess xhud spjega kif diga' xehed l-attur, illi l-attrici kienet diga' ghamlet ezami mediku fl-20 t'Awwissu 2000 izda ma kien hemm l-ebda sintomi ta' din il-kondizzjoni (ara fol 17 ibid). Izda meta hu ezaminha kien sab "… tumur, kienet wahda (il-qarnita) aggressiva hafna u tizviluppa malajr" jew "… aktar preciz … qarnita moderatament aggressiva". Sussegwentament, kien hareg rapport (a fol 29) minghajr

ma ghamel referenza ghan-noti tieghu. Fil-fatt dan kellu zball b'referenza ghall-kliem "… for the past six months". Hawnhekk hu xehed a bazi tan-noti fejn hemm imnizzel "post menopausal bleeding since the end of October 2000" (ara fol 51 ibid in-naha ta' fuq ix-xellug, il-kliem mdawwar b'figura ovali). Hawnhekk hu rega' tenna li l-attrici kienet qaltlu fid-29 ta' Jannar 2001 li hi ndunat bis-sintomi fl-ahhar ta' Ottubru 2000. Fl-ahhar nett hu eskluda li seta' kien hemm tumur meta sar l-ewwel ezami fuq l-attrici f'Awwissu 2000 u "biex inkun sincier nghid li tumur bhal dak seta' jikber fi tlett xhur u anke f'sitt xhur. Jista' jkun li tumur bhal dak li jkun ghadu zghir, bi 'smear test' ma kontx tinduna bih". (ara x-xhieda ta' <u>Dottor Annie Busuttil</u> li ezegwit l-'smear test' imsemmi fit-8 t'Awwissu 2000 a fol 53 u fol 63 et seq ibid).

c. <u>James Mizzi</u> (fol 56 u fol 65 et seq ibid), il-'broker' involut, spjega li matul Awwissu 2000 spjega kif l-attur ghamel il-polza in ezami kif ezebita a fol 18 et seq ibid.

d. <u>L-attrici</u> (fol 68 et seq ibid) spjegat li wara li ghamlet l-ewwel 'test', hi u zewgha kienu siefru ghal Ruma f'<u>Ottubru 2000</u>. Hawnhekk kien rega' deher l-istess sintomu izda ma tatx kaz. Kien fid-29 ta' Jannar 2001 li marret ghand il-ginekologu li xehed (ara ukoll ix-xhieda ta' bint l-attrici <u>Joanie Bonnici</u> a fol 74 u fol 78 et seq ibid).

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi s-socjeta' konvenuta, da parti taghha pproduciet lil: -

a. <u>Pio Dalli</u> (fol 81 u fol 104 et seq ibid) ikkonferma li l-polza in ezami giet accettata fit-<u>22 ta' Settembru 2000</u>. Fit-13 ta' Frar kienet saret it-talba ossija 'claim' ghal risarciment. Meta saret din, intalab rapport dettaljat ghax "seta' kien hemm kundizzjoni li kienet tezisti qabel ma inharget l-assikurazzjoni". Hawnhekk hu rrefera ghal-ewwel ittra tal-ginekologu datata s-16 ta' Frar 2001, liema ittra l-konsulent kien iddikjara li l-attrici kellha l-kundizzjoni kif deskritta almenu sitt xhur qabel cjoe minn Awwissu tal-istess sena u ghalhekk ma kienetx koperta b'assikurazzjoni. Inoltre dwar l-istess kundizzjoni, l-atturi

ma kienetx iddikjarat xejn. Wara, l-istess specjalista kien rega' kiteb u kkorega l-perijodu msemmi billi ddikjara li d-durata tal-istess kundizzjoni kellha tkun <u>tlett xhur</u>. Imhabba hekk kien ittiehed il-parir ta' Dottor Rene' Eminyan ormaj mejjet u ghalhekk ix-xhud irrefera ghan-noti tal-istess tabib. Minn dawn jidher li wara li ezamina dak li kiteb Dottor Yves Muscat Baron u dokumenti ohrajn, l-ahhar tabib, ginekologu wkoll, kien esprima l-opinjoni lli l-kundizzjoni tal-attrici kienet pre-ezistenti ghal polza. A fol 89 et seq ibid jinsabu ezebiti b'nota d-dokumenti kollha imsemmijin minn dan ix-xhud ossija 'proposal form', il-polza in ezami, l-ittri gja ezebiti ta' Dottor Yves Muscat Baron u n-noti ta' Rene Eminyan. Ta' min jghid illi l-polza, wara struzzjonijiet "ad hoc" mill-intermedjarju kien gie kancellat fl-1 ta' Gunju 2001 u parti mill- 'premium' gja mhallas kien gie refuz. Inoltre hu kien specifika , dwar il-'claim' illi saret illi r-risarciment ma kienx thallas minhabba dak li kiteb il-ginekologu li ezamina lill-attrici cjoe "… illi l-kondizzjoni tal-attrici kienet precedenti almenu sitt xhur ghad-data ta' meta assikurat ruhha". Difatti l-eccezzjoni in ezami kif sottomessa mill-istess socjeta' konvenuta hi bazata fuq "pre-existing medical condition" dejjem qabel il-polza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi s-socjeta' konvenuta talbet u ottjeniet in-nomina ta' espert kaligrafu sabiex jezamina in-noti ta' Dottor Yves Muscat Baron specjalment dawk gja msemmijin bhala mdawra b'figura ovali tal-originali (ara fol 114 ibid kif ukoll fol 122 ibid). Dan ir-rapport jinsab a fol 124. Fil-qasir, dan l-espert issottometta illi "… inizjalment giet miktuba s-sentenza "<u>P.M.B. by October</u>" u giet ikkoreguta ghal "PMB in end October" (ara pagna 21 tal-istess relazzjoni kif ukoll ir-ritratti F1 U F2 kif ukoll fol 129 ibid). Saru wkoll domandi bil-miktub lill-istess espert da parti tas-socjeta' konvenuta (fol 131 ibid) bir-risposti relattivi a fol 134 u fol 135 ibid.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi bhala riassunt tal-fatti kif rizultanti mill-provi kif esposti, l-attrici kienet ghamlet 'smear test' u r-rizultat kien "no

abnormal cellular features seen.” Hawnhekk qed issir referenza ghar-rapport mediku a fol 17 ibid. fl-20 ta’ Settembru 2000 cjoe ftit oltre xahar wara li bdiet topera l-polza in ezami. Sussegwentament l-attrici meta kienet fuq zjara f’Ruma indunat li kellha ‘bleeding’ u dan f’Ottubru 2000. Dwar dan, wara li ghaddew ftit aktar minn xahrejn, l-istess attrici kienet marret ghand ginekologu u mill-ezamijiet li sarulha, irrizulta li kienet qed issofri minn kancer bir-rizultat li kellha tissottometti ruhha ghall-isterektomja fi sptar privat u terapija ohra. Meta saret it-talba ghar-rizarciment din giet rifjutata a bazi tal-ewwel ittra ta’ Dottor Yves Muscat Baron abbinat mall-paragrafu 21 tal-polza li tghid “pre-existing medical condition” (ara ‘section 4 – exclusions’). Min-naha l-ohra, l-istess ginekologu kien ikkorega dak imnizzel fl-ewwel ittra, billi hawnhekk qal illi s-sintomi bdew jidhru tlett (3) xhur qabel cjoe wara li bdiet topera l-polza.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti trid tara jekk fil-fatt il-kundizzjoni tal-attrici kinitx pre-ezistenti ghall-bidu tal-istess polza fl-20 ta’ Settembru 2000. Dwar dan tirrizulta li f’Awwissu ta’ qabel hi rrizultat negattiva meta ghamlet l-ezami kif deskritt ghand it-tabiba Anne Busuttil. Effetivamnet, l-attrici rat l-ewwel sintomi ta’ din il-kundizzjoni waqt li kienet f’Ruma u dan matul Ottubru 2000. Sussegwentament kien matul Jannar 2001, li nstab u rrizulta li hi kellha kancer deskritt mill-ginekologu li ghamel l-operazzjoni bhala wiehed aggressiv.

Illi ghalhekk ma rrizultax b’mod car u evidenti fuq bazi ta’ probabilita’ li din il-kundizzjoni kienet tezisti meta giet konkluza u finalizzata l-polza. Difatti, dwar dan, il-Qorti hi tal-fehma li kwalunkwe dubju li seta’ kien hemm, il-kaz ghandu jmur favur l-attur, li ghandhom jigu kkunsiderati bhala li agixxew “in utmost good faith” ossija “uberrima fide”, wiehed mis-sisien ta’ kull ftehim ta’ assikurazzjoni. Fi ftit kliem ma rrizultax li l-atturi setghu ragevolment jkunu jafu li kien hemm xi possibilita’ li l-attrici kienet, fil-fatt, qed tbati mill-kundizzjoni preskritta meta gie finalizzat il-ftehim in ezami.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi, la darba gie deciz li dan il-kaz hu kopert mill-assikurazzjoni in ezami, dwar il-“quantum” mitlub, dan ma giex kontestat mis-socjeta’ konvenuta u jinsab sostnut mid-dokumenti a fol 33 sa fol 38 u fol 40 u 41 tal-istess atti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas, ossija tirrifondi lill-atturi s-somma ta’ Lm1633.20 (elf, sitt mija, tlieta u tletin Lira Maltin u ghoxrin centezmu) ossija €3804.33 (tlett elef, tmien mija u erbgha Ewro u tlieta u tletin centezmu) bl-imghax legali mill-11 ta’ Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjez ta’ din il-procedura, fic-cirkostanzi tal-kaz dawn jibghu minghajr taxxa bejn il-partijiet hlief in rigward dawk tal-espert kaligrafiku li ghandhom jithallsu mill-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------